

# S 5.2 MIT-TEMPJI PREISTORIĊI GĦALL-KATIDRALI

**S5.2.5**
Nidentifikaw modi kif nistgħu nikkonservaw u fejn hemm bżonn nirrestawraw il-postijiet ta' qima.

## A. Aqra dan li ġej imbagħad wieġeb.



Innota dan il-ġebel megalitiku kif qiegħed jitmermer. Għaliex jiġrilu hekk?

Il-ħtija kollha hija ta' dawk li jissejħu l-elementi, li huma:

- ix-xemx
- ir-riħ
- ix-xita

Dan ir-ritratt ittieħed f'post antik ħafna fejn darba missirijietna kienu jagħtu qima lill-allat li kienu jemmnu fihom dak iż-żmien. Dawn huma t-Tempji Megalitiċi ta' Ħal Tarxien.

X'nistgħu nagħmlu biex ma nħallux il-ħsara tkompli tikber?

X'nistgħu nagħmlu biex NIPPROTEĠUHOM, jiġifieri NIKKONSERVAWHOM.



It-tieni ritratt jurina kif qegħdin nipproteġu tempji oħra megalitiċi, dawk ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra. Dawn għattejniehom b'tinda kbira. It-tinda qiegħda tħarishom mix-xemx u mix-xita, imma jista' jkun hemm problema bir-riħ. Nies esperti qegħdin għassa biex jaraw jekk it-tinda

hux qed ikollha r-riżultat mixtieq, jiġifieri dak li twaqqaf it-tmermir tal-ġebel megalitiku.



Din hija l-knisja tal-Vitorja fil-Belt Valletta. Il-knisja kienet l-ewwel post ta' qima li nbena fil-Belt Valletta u hawnhekk il-Gran Mastru Jean De Valette kien iħobb imur jitlob kuljum.

Jekk inħarsu sew lejn ir-ritratt, nindunaw illi l-knisja għadha kif ġiet restawrata.

### X'jiġri meta nirrestawraw xi sit storiku?

Il-ġebel li jkun tmermer, jinqala', u minfloku ndaħħlu ġebel ġdid. Din hija biċċa xogħol li trid tkun espert biex tagħmilha. Però llum nistgħu ngħidu li ħafna Maltin, wara li għamlu korsijiet apposta, huma kapaċi jirrestawraw knejjes, kappelli, monumenti u bosta postijiet storiċi oħra, u jġibuhom kważi ġodda fjamanti.

### Wieġeb dawn il-mistoqsijiet

1. Meta nagħmlu l-KONSERVAZZJONI ta' xi bini, inkunu qegħdin:
   a) inxarrbuh bl-ilma u nħalluh jinxef.
   b) nipproteġuh mill-elementi.
   ċ) niżbgħuh.

2. Għamilna l-KONSERVAZZJONI tat-tempji megaltiċi ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra billi:
   a) għamilnielhom il-qatran minn taħt.
   b) żrajna ħafna siġar biex jagħmlulhom id-dell.
   ċ) għattejniehom b'tinda kbira.

3. Il-ġebla Maltija, biż-żmien titmermer minħabba l-elementi. Dawn huma
   a) x-xemx, ix-xita u r-riħ.
   b) l-wajers tad-dawl.
   ċ) s-siġar u l-pjanti.

4. It-tempji ta' Ħal Tarxien (huma, m'humiex) mgħottija b'tinda u għalhekk bħalissa qiegħda ssirilhom ħafna ħsara.

5. Meta jidħol l-ilma tax-xita mill-koppla tal-knisja
   a) ma tiġrix ħsara għax din qiegħda fil-għoli.
   b) l-ħġieġ tat-twieqi jibdel il-kulur.
   ċ) l-pittura tal-koppla jiġrilha l-ħsara.

6. Ir-restawr tal-knejjes (jiswa, ma jiswiex) ħafna flus.

7. Ir-restawr illum:
   a) huma kapaċi jagħmluh ħafna Maltin stess għax ħadu t-taħriġ apposta
   b) jagħmluh l-Ingliżi biss
   ċ) jagħmluh it-Taljani biss

8. Waħda mill-knejjes li ġew restawrati fil-Belt Valletta hija

   ______________________________________________________________

9. Ikteb sentenza fuq l-istorja ta' din il-knisja

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________